

# TLIET INVOKAZZJONIJIET ĠODDA MAL-LITANIJA TAL-MADONNA

Nhar is-Sibt 20 ta' Ġunju 2020, Festa tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija, Papa Franġisku żied 3 invokazzjonijiet ġodda fil-Litanija Lawretana, li aħna nitolbu wara r-Rużarju. Din il-Litanija tieħu isimha mis-Santwarju Marjan ta' Loreto fl-Italja, fejn jingħad li kienet ilha tintuża sa mill-1531 u li ġiet approvata uffiċjalment fl-1587 mill-Papa Sistu V.

Dawn huma l-invokazzjonijiet ġodda huma:

| | | |
|---|---|---|
| ***"Mater misericordiæ"*** | ***"Mater spei"*** | ***"Solacium migrantium"*** |
| **"Omm tal-ħniena"** | **"Omm it-tama"** | **"Faraġ tal-migranti"** |

F'ittra lill-Presidenti tal-Konferenzi tal-Isqfijiet mad-dinja kollha, il-Kardinal Robert Sarah, il-Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, u s-Segretarju tagħha, l-Arċisqof Arthur Roche, jgħidu li mal-medda tas-sekli, l-Insara ilhom jużaw għadd bla tarf ta' invokazzjonijiet u titli biex bihom isejħu lill-Verġni Marija, "bħala t-triq ipprivileġġjata u żgura għal-laqgħa ma' Kristu."

Mal-medda tas-sekli, tal-inqas ġew miżjuda 7 invokazzjonijiet ġodda. Insemmu bniss biss li l-Papa San Ġwanni Pawlu II kien żied *"Omm il-Knisja"* fl-1980, u *"Sultana tal-Familji"* fl-1995.

Dawn it-3 invokazzjonijiet ġodda miżjuda mill-Papa Franġisku jwieġbu għar-realtajiet taż-żminijiet li qed ngħixu fihom fejn ħafna nies mad-dinja kollha qed iħossuhom imġarrba b'ħafna modi, u mmarkati minn sentimenti ta' inċertezza u biża', mhux biss minħabba l-pandemija tal-Covid-19, imma anki għax im[ieg]la j]allu djarhom minħabba faqar, ġlied u raġunijiet oħra, u għalhekk jersqu jitolbu f'riġlejn il-Verġni Mbierka, b'qima, imħabba u fiduċja.

Wara li għarbel dawn is-sentimenti u laqa' x-xewqat espressi, l-Papa pprovda li fil-formularju tal-Litanija jiddaħħlu dawn l-invokazzjonijiet li, skont id-direttivi, l-kliem "Omm tal-ħniena" għandha tingħad wara "Omm il-Knisja", "Omm it-tama" wara "Omm tal-grazzja ta' Alla", u "Faraġ tal-migranti" wara "Kenn tal-midinbin".

Dawn l-invokazzjonijiet mhumiex daqshekk ġodda għax fl-aħħar mill-aħħar huma parti mit-tradizzjoni tal-Knisja li tmur lura sekli sħaħ, bħalma hi t-talba-innu: *"Sliem għalik, Sultana, Omm tal-ħniena, tama tagħna…".*







*Messaġġ tal-Kappillan*



# LIEMA NUĊĊALI SER NILBES?

**Tgħid sejra l-Viżta?**
Mela darba kien hemm raġel għani ħafna li kellu problema serja: beda jbati b'uġigħ kbir f'għajnejh. Beda jdur minn tabib tal-għajnejn għall-ieħor bit-tama li xi ħadd ineħħilu dik it-tbatija li kien qed iġarrab iżda kollox kien donnu għalxejn. Mhux talli l-uġigħ ma marlux, talli bħal donnu żdiedlu.

**Imur għand il-Patri**
Fl-aħħar, wieħed minn sħabu ssuġġerielu li jmur jara lil wieħed patri magħruf għall-għerf tiegħu anke bil-qasam mediku. "M'għandix x'nitlef," qal f'qalbu u rħielha lejn il-kunvent. Il-patri sema' l-każ tiegħu u wara ftit qallu: "Ħabib, is-soluzzjoni hija sempliċi: għajnejk jieqfu juġgħuk meta tibda tara biss il-kulur aħdar." L-għani nħasad daqskemm kien ilu jibla' pilloli u jiġri għand tobba, imma għamel f'moħħu li jieħu s-suġġeriment tal-patri. Hekk kif mar lura d-dar, sejjaħ lill-qaddejja u tahom l-ordni li kollox fid-dar kellu jkun aħdar: ħitan, purtieri, bibien, lożor, ħwejjeġ … . Qam ġenn sħiħ.

**"Ma tistax tibdel id-dinja … imma tista' tibdel il-mod li bih tħares lejn id-dinja"**
Ftit ġranet wara, il-patri mar jara lill-għani biex jara kif kien għadda. Hekk kif wasal, ra bieb kbir aħdar. Fetħulu u wieħed mill-qaddejja liebes l-aħdar fittex lefilfu f'mantar aħdar qabel jidħol jara lis-sinjur. Iħares fejn iħares, kollox aħdar. Fl-aħħar wasal fil-kamra tal-pranzu u hekk kif ra lir-raġel, staqsih kif kien għadda. Kollu ferħan, dan qallu: "M'hawnx għalik. Fl-aħħar għajnejja sabu s-serħan u qed nerġa' nikseb ħajti. Imma x'kedda ħadna ħej u xi spejjeż kbar dħalt fihom." Il-patri tbissem u kalm kalm qallu: "Jaħasra kont toħroġ b'ħafna irħas u kont tiffranka ħafna nkwiet kieku xtrajt nuċċali bi ħġieġ aħdar!" Qatt ma kien għaddielu minn moħħu li s-soluzzjoni kienet daqshekk sempliċi. Il-patri kompla: "Ma tistax tibdel id-dinja skont gostik imma tista' tibdel il-mod li bih int tħares lejn id-dinja."

**U jien, x'nuċċali qed nilbes?**
Kif qed inħares lejn il-ħajja? Żgur li ma nistax nippretendi li d-dinja tinbidel għalija imma jien nista' nibdel il-mod kif jien inħares lejha u lejn il-ħajja.

**In-nuċċali tas-Sbuħija**
Jekk nilbes in-nuċċali tas-sbuħija, nibda nara s-sabiħ ta' madwari, anke fil-ħwejjeġ iż-żgħar. Inkun kapaċi nagħraf kemm hi sabiħa x-xemx u mhux ingerger biss fuq is-sħana li tarmi; nibda nara s-sbuħija fix-xita, saħansitra fil-ħoss tagħha nieżla u fit-taqtir tagħha ma' xi tieqa … u mhux ingerger fuq kif se nsir għasra, kif kien kollu għalxejn li ħsilt il-karozza jew il-ħġieġ! Inkun kapaċi nagħraf is-sbuħija tal-fjuri u tas-siġar mingħajr ma ngerger fuq l-allergija li jqabbduni.

**In-nuċċali tal-Apprezzament**
Jekk nilbes in-nuċċali tal-apprezzament, ninduna kemm nies ikunu qed jagħtuni servizz u forsi anke ngħidilhom kelma ta' kuraġġ: dak il-kennies li jara li t-triq hi tassew nadifa; dik il-mara jew dak ir-raġel tal-ħanut li jilqagħni/tilqagħni bi tbissima u li jipprova/tipprova taqdini bl-aħjar mod possibbli; dik il-persuna li ċedietli biex naqsam minkejja li ma kontx fuq l-istrixxi u li forsi kienet mgħaġġla biex tmur ix-xogħol; dak is-saċerdot li minkejja li kellu ħafna fuq moħħu qagħad jismagħni bis-sabar kollu daqslikieku ma kellu xejn x'jagħmel.

**In-nuċċali taċ-Ċkunija**
Jekk nilbes in-nuċċali taċ-ċkunija, inkun kapaċi ninduna kemm jien m'jien xejn, kemm hawn nies kapaċi ħafna iktar minni u dan jgħini nżomm posti, kemm hu sabiħ li tkun sempliċi u li tifraħ bħat-tfal. B'dan in-nuċċali, inkun kapaċi nkanta ma' xi kanzunetta li togħġobni jien u nsuq, mingħajr ma ninkwieta fuq x'se jgħidu s-sewwieqa l-oħra; inkun naf nifraħ meta nara t-tfal jistagħġbu b'xi ħaġa ġdida li jkunu skoprew mingħajr ma ngerger fuq kemm jaqilgħu mbarazz jew jagħmlu storbju; ninduna kemm jien ċkejken/ċkejkna quddiem Alla l-Missier u kemm iħobbni għax jien ibnu/bintu; kemm minkejja li jien parti żgħira mill-univers, għandi skop fid-dinja u bija u mingħajri, il-ħajja, le, ma tkunx xorta.

Ejja naraw liema nuċċali għandi l-iktar bżonn bħalissa sabiex ħajti tkun ħajja mimlija u sabiħa, fejn minkejja d-diffikultajiet, xorta nkun nista' ngħix fil-paċi miegħi nnifsi, ma' dawk ta' madwari u ma' Alla, imħabba dejjiema.



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Gianni Bugeja Decelis Lauri
Amber Curmi
Leah Gauci
Nicolai Mallia

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Christopher Zahra

***Nitolbu għalihom!***





# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Ottubru 2020

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 2 ta' Ottubru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 4 ta' Ottubru | **Festa tal-Madonna tar-Rużarju**<br>Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka fuq il-Madonna<br>Fis-6:30pm- Rużarju li jagħlaq b'ċelebrazzjoni Ewkaristika. |
| Is-Sibt 10 ta' Ottubru | **Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja:**<br>***236 sena (nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)*** |
| Il-Ħadd 11 ta' Ottubru | **Jum it-Tifkira tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja**<br>Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni<br>Fl-10:30pm - Quddiesa bil-Magħmudija |
| Il-Ħadd 18 ta' Ottubru | **Jum il-Missjoni** |
| Il-Ħadd 25 ta' Ottubru | Fl-10:30pm - Quddiesa bil-Magħmudija |



**Matul dan ix-xahar ta' Ottubru jingħad ir-Rużarju fil-knisja:**

**AM - qabel il-quddiesa tas-7:30am**

**PM - fis-6:00pm**

